MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 484/2012

Il-**Pulizija**

**v.**

**Anton Vassallo**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Anton Vassallo, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 495978M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fit-18 ta’ Ġunju 2001, f’xi ħin bejn il-00:15 ta’ fil-għodu u d-09:00 ta’ fil-għodu, f’Wied il-Għajn, ikkometta serq ta’ oġġetti u cioe’ flus u affarijiet oħra, ikkwalifikati bil-ħin, bil-mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija (Lm1,000) (illum €2,329.37), liema serq sar għad-dannnu tad-dirigenti ta’ ‘Shaherazad Mediterranean Restaurant’ u/jew persuni oħra;

(2) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-valur ta’ għoxrin lira Maltija (Lm20) (illum €48.60) li saret għad-dannu tad-dirigenti ta’ ‘Shaherazad Mediterranean Restaurant’ u/jew persuni oħra;

(3) sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, wara li ġie misjub ħati ta’ reati b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Ottubru 2012 fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Anton Vassallo ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għalhekk illiberatu minnha, iżda sabitu ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u, wara li rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u kkundannatu li jħallas is-somma ta’ sitt mija u sittin euro (€660) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ esperti fil-proċeduri;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Anton Vassallo ppreżentat fit-22 ta’ Ottubru 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu ħati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u lliberatu mill-addebitu tar-reċidiva (it-tielet imputazzjoni), u tvarja l-piena inflitta billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, kellha tkun waħda aktar ekwa u ġusta u li ma tkunxwaħda karċerarja, aktar u aktar meta jitqies illi ġie lliberat mill-addebitu tar-reċidiva. L-appellant jissottometti:

> "F'dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-appellant l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqha lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Dan qed jinghad l-aktar fid-dawl tal-fatt illi fix-xhur illi gejjin se tigi ntrodotta l-*parole* fis-sistema gudizzjarja ta' pajjizna li certament hija xhieda ta' dak kollu li ghadu kemm inghad.
>
> "L-appellanti, illum il-gurnata huwa persuna totalment riformata, illi kien qed jahdem go forn u anke jipprova jibni famiija flimkien mat-tfajia tieghu illi minnha ghandu wild illi ghadu minuri. Fil-fatt, il-membri tal-familja tieghu, wkoll kienu qed jaghtuh is-*support* kollu necessarju sabiex jimxi 'l quddiem f'hajtu.
>
> "Illi certament, sentenza karcerarja se twaddab lura l-isforzi kollha illi saru s'issa kemm minn l-appellanti stess, u kemm minn dawk il-persuni professjonali illi ppruvaw jaghtuh l-ghajnuna u s-*support* taghhom sabiex huwa jaqbad it-triq it-tajba. Fil-fatt, apparti t-trapass taz-zmien minn din l-istess kawza, li certament kellu jservi ta' attenwant f'dik li hija piena, jirrizulta car illi l-appellant ma ghadux fit-triq tal-kriminalita`. Xhieda ta' dan kollu hija l-*probation officer* Marietta Lanzon ilha ssegwi lill-appellant ghal diversi snin, u taf l-isforzi kbar illi ghamel sabiex ibiddel hajtu u ma jibqax jiddependi mid-droga.
>
> "Ghalhekk ikun opportun illi l-istess Marietta Lanzon, tigi ngunta bhala xhud u tintalab ukoll thejji Social Enquiry Report qabel ma din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza.
>
> "L-appellanti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhailef David Scicluna, fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija vs John Farrugia**, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbhi Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446. L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' hmistax-il (15) xahar imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accennat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

"L-appellanti, umilment jissottometti, illi dan qed jinghad in vista tal-fatt, li llum huwa persuna riformata llum il-gurnata. Ghal dawn ir-ragunijet, l-appellant ihoss illi l-Ewwei Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavoija l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi, specjalment illum il-gurnata.

"Fil-kawza **Il-Pulizja vs Carmen Butler**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe` illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

"F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fi-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

"'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin... li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success li-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gumata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli**.'

"Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak ii jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probatio*n jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.

"F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia**:

"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. l52; il bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. . .Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" — fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta — anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

**6.** Issa, in materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[1].

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**7.** Il-piena, pero`, għandha diversi skopijiet. Skop wieħed huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta` dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Skop ieħor huwa r-riforma tal-ħati.

**8.** Mix-xiehda ta' l-uffiċjal tal-*probation* Marietta Lanzon u mill-fedina penali ta' l-appellant jidher illi dan ir-reat jirrisali għal perijodu meta l-appellant kien għaddej minn żmien diffiċli f'ħajtu. Sussegwentement huwa bbenefika minn mezzi ta' trattament kontemplati fl-Att dwar il-*Probation*. Fil-preżent jinsab taħt ordni ta' *probation* u ta' servizz fil-komunita`, u s-servizz fil-komunita` twettaq b'suċċess. L-unika pendenza li hemm hi dik li jħallas il-kumpens li ġie ordnat iħallas bis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar 2013. Mill-bqija l-kampjuni ta' l-urina huma dejjem negattivi u l-appellant jaħdem regolarment.

**9.** Ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti hi tal-fehma li jidher illi l-appellant qiegħed fit-triq it-tajba u qiegħed jagħmel l-isforzi meħtieġa biex iżomm kemm jista' jkun in lineja mar-responsabbiltajiet tiegħu. Hija ma tqisx li l-appellant huwa ta' minaċċja għas-soċjeta`, u għalhekk is-soċjeta` ma tistax tiġi protetta bl-inkarċerazzjoni tiegħu iżda billi, bl-għajnuna ta' l-uffiċjal tal-*probation*, ikompli jirresponsabbilizza ruħu billi jitħalla jagħmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tiegħu permezz ta' ħidmietu kif ukoll billi, permezz ta' ordni ta' servizz fil-komunita`, jrodd lis-soċjeta` dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li għandu jkollha minħabba l-aġir kriminuż tiegħu filwaqt illi l-hati japprezza li ħadd ma jista' jikser il-liġi b'impunita`. Fl-istess waqt huwa jibqa' taħt is-sorveljanza ta' l-uffiċjal tal-*probation* tiegħu.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Anton Vassallo u għal piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u minflok, a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 446 qiegħdha tqiegħed lill-istess Anton Vassallo taħt ordni ta' servizz fil-

komunita` bil-kundizzjoni li matul il-perijodu ta' sena millum jagħmel xogħol bla ħlas għal mija u ħamsin siegħa f'dak il-post u skond l-arranġamenti li jsiru mill-Uffiċċju tal-*Probation*, u bil-kundizzjonijiet l-oħra indikati fl-istess ordni hawn anness. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruħu ma' l-ordni jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------